# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 32**

8 ta' Mejju 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**32.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

32.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

**32.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

32.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tletin (30) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.1.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq korrezzjoni ta' materja nru 30.17 li għandha taqra "Norman Hamilton – Konslu għar-Renju Unit".

32.2.1.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun unanimu.

32.2.2. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-wieħed u tletin (31) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.2.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun unanimu.

32.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 30.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-proġett ta' Taħt il-Forka. Is-Sindku wiegbet li mill-aħħar li ġiet diskussa din il-materja, kienet ġiet informata li kien inbidel il-Perit tal-AFM inkarigat mil-proġett. Hija nformat li kienet għadha qed tistenna informazzjoni dwar il-Perit il-ġdid.

32.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 30.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar is-subways. Is-Sindku DSH qalet li fid-dawl tat-tħabbir tal-elezzjoni, wieħed ser ikollu jistenna qabel jitlob laqgħa ma' min hu konċernat.

32.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 30.2.8 u staqsa jekk kienitx intbagħtet ittra lill-Ministru Jose Herrera. Is-Sindku qalet li kienet intbagħtet korrispondenza.

32.2.5.1. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li meta titressaq mozzjoni, wieħed għandu jieħu ħsieb li jara li ma jkunx ikkwotat biss il-Kunsillier li jkun ressaq il-mozzjoni iżda ġaladarba din tiġi approvata mill-Kunsill, għandu jissemma li l-Kunsill ikun qabel b'mod unanimu. Hija żiedet tgħid li għalkemm l-idea tiġi minn kunsillier, l-ebda kunsillier ma jagħmel xejn waħdu. Il-Kunsillier JAE qal li ma kienx hu il-ġurnalist li kiteb dak l-artiklu u ma kienx hu li kwota biss lilu nnifsu. Il-Kunsillier JAE żied jgħid ukoll li l-istorja kienet ġiet irrapportata minn diversi *media* lokali u mhux biss mill-media tal-partit.

32.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 30.8.2 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-sinjali. Is-SE wiegbet li kienet intbagħtet korrispondenza lil Transport Malta iżda kienet għadha ma rċevietx risposta.

32.2.7. Il-Viċi Sindku għamel riferenza għall-materja nru 30.14.1 u saqsa jekk kienx hemm xi risposta. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet informata li dalgħodu kien hemm xi ħaddiema tal-Enemalta fuq il-post li kienu qed jaqilgħu il-kaxxa tad-dawl. Is-Sindku qalet li saret taf b'dan minn residenti u mhux mill-Enemalta. Hija żiedet tgħid li għalkemm l-applikazzjoni kienet qegħda għand il-Ministru ikkonċernat, id-devoluzzjoni jaf tieħu ftit iktar żmien in vizta tal-fatt li l-elezzjoni kienet qrib.

## 32.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

### 32.3.1. Is-Saqaf tal-gabbana tal-KGV

Is-Sindku DSH qalet li kien hemm problema fis-saqaf tal-gabbana u kienet ingiebet kwotazzjoni sabiex dan jiġi rranġat b'sengha u b'reqqa. Is-Sindku qalet li l-kwotazzjoni kienet ta' €5490 u għalhekk informat li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li se jsewwi s-saqaf, allura din is-sejħa għandha toħroġ permezz ta' tender.
Is-SE qalet li din l-ispiża ma kienitx inkluża fil-*baġit* tal-Kunsill għall-2017. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jassigura li l-materjal li jintuża għandu jkun wieħed reżistenti għall-ilma u għall-elementi u pproponiet li jsir fibre glass miżbugħ jew materjal ieħor simili (dan ix-xogħol temporanju jkun jista' jsir mil-ħaddiema tal-Kunsill) u dan sakemm il-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja li jassorbi din l-ispiża. Is-Sindku DSH żiedet tgħid li b'dan il-mod, l-operatur tal-gabbana jkun jista' jaħdem xorta waħda. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'dan il-mod. Il-Kunsill qabel ukoll li jilħaq jaħseb ghat-tender sabiex ix-xogħol ikun jista' jsir b'mod permanenti.

### 32.3.2. Funtani

Is-Sindku DSH informat li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu ħadu ħsieb inaddfu l-funtani. Hija qalet li kienet saret talba lill-Ministru tal-Ambjent sabiex jipprovdu lill-Kunsill b'xi ħamrija iżda għalissa kien għad m'hemmx risposta. Is-Sindku żiedet tgħid li kien hemm proposta sabiex isir ġebel kbir fil-qiegħ tal-funtana qabel ma titpoġġa l-ħamrija u dan biex il-funtana tkun tista' terġa' titħaddem jekk jinbidel il-ħsieb u fl-istess ħin jiskula l-ilma.

Is-Sindku DSH informat ukoll li s-SE kienet talbet lill-ELC sabiex jipprovdu xi pjanti biex jnżergħu fil-funtani. Is-SE qalet li kienet talbet parir ta' ġardinar li issuġġerixxa t-tip ta' pjanti li jistgħu jintużaw. Hija żiedet tgħid li l-pjanti proposti kienu pjanti reżistenti għall-elementi u qalet li appena jkun hemm risposta mingħand l-ELC, ikun jista' jibda' x-xogħol u l-funtana tingħata l-ħajja.

Il-Viċi Sindku VB ippropona li jinżraw pjanti li jkunu jistgħu jinżabru b'tali mod li jifformaw kelma. Is-SE wiegbet li dan kien jinvolvi manutenzjoni kbira biex iżżommhom u għalhekk il-Kunsill ma qabilx li din għandha ssir għalissa, għalkemm l-idea m'għandix tiġi eskluża.

Il-Viċi Sindku VB qal ukoll li kienu ġew rilokati il-bankijiet u l-mejda hekk kif diskuss fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jordna żewġ bankijiet bħal mudell eżistenti sabiex jitwaħħlu madwar il-mejda.

### 32.3.3. Skema ta' Parkeġġ Residenzjali

Is-Sindku DSH informa li s-sistema tas-CDB kienet ġiet installata u għalhekk seta' jinbeda' l-proċess tat-tiġdid tal-permessi tal-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Hija qalet li n-notifiki biex jibdew jinġabru l-permessi kienu ser jintbagħtu dil-ġimgħa u għalhekk it-tqassim tal-permessi l-ġodda għandu jibda' mill-ġimgħa d-dieħla.

### 32.3.4. Meetings Politiċi

Is-Sindku DSH qalet li sa' dakinhar kien għad m'hemmx talba mill-partiti politiċi dwar meetings. Is-SE qalet li kienu diġà bdew iċemplu sidien ta' kiosks sabiex japplikaw għall-permessi. Il-Viċi Sindku VB qal li ssoltu dawn l-applikazzjonijiet jintlaqgħu bil-polza u mhux a bażi ta' *first come first served.* Is-Sindku DSH qalet li għandha tingħata prijorità lill-applikanti li jkunu residenti fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

Il-Viċi Sindku VB fakkar li l-Kunsill ma setax jitlob iktar iċ-ċertifikat tat-Trade License biex inaqqas l-abbuż u għalhekk issuġġerixxa li jingħata permess wieħed biss lil kull familja Furjaniża. Il-Kunsill ma

qabilx ma' din il-proposta minħabba li dan jaf joħloq diskriminazzjoni f'każ li jkun hemm iktar minn persuna waħda fil-familja li tagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-assistenza tal-Pulizija sabiex jissalvagwardjaw li ma jkunx hemm abbuż u li l-applikanti jkunu verament fuq il-posta u dan sabiex ma jkunx hemm abbuż. Kien hemm diskussjoni dwar il-fatt li l-Pulizija kienu qalu li għandu jkun il-Kunsill li jiċċekkja dawn l-affarijiet iżda l-maġġoranza tal-Kunsill ma qablitx ma' dan minħabba li kienu l-Pulizija li għandhom jassiguraw li l-liġi tiġi osservata speċjalment ladarba l-ebda membru tal-Kunsill ma kellu l-awtorità li jieħu l-passi.

Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja ma' kunsilli lokali oħra b'liema mod kienu ser jimxu f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkorrispondi mal-Pulizija u jitlob li jingħataw il-kundizzjonijiet għall-gabbani li jarmaw f'dawn il-meetings.

32.3.5. **KORRISPONDENZA MINGĦAND IL-FLORIANA FC**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana FC fejn talbu li tiġi organizzata attività konguntament magħhom. Is-Sindku żiedet tgħid li ma kienux ġew mogħtija dettalji addizzjonali. Għalhekk il-Kunsill qabel li għalkemm ma jsibx oġġezzjoni jorganizza attività konġunta, għandu jitlob iktar dettalji dwar din l-attività.

**32.4 RAPPORTI**

30.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

**32.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

32.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-barrikati li twaħħlu quddiem Bieb il-Bombi u għar-reklami politiċi li twaħħlu magħhom.

32.5.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li jħoss li dawn ir-reklami jkerrħu Bieb il-Bombi li huwa monument nazzjonali u ppropona li l-Kunsill jikkomunika dan il-fatt lill-awtoritajiet. Is-Sindku DSH qalet li din kienet triq arterjali u għalhekk il-Kunsill ma kellux jedd fuq x'isir f'dawn it-toroq.

32.5.1.2. Il-Kunsillier AD qal li jinkwieta li b'dawn ir-reklami ser jinħoloq preċedenti fejn ladarba tgħaddi l-elezzjoni, jista' jkun hemm xi kumpaniji li jitħajru jagħmlu l-istess u minn xi ħaġa ta' darba, issir xi ħaġa permanenti. Il-Kunsillier JAE qal li jittama li dawn il-barrikati ma sarux bil-ħsieb li 'l quddiem jibdew jitwaħħlu riklami magħhom b'mod permanenti.

32.5.1.3. Is-Sindku DSH qalet li hi ma taqbilx mal-proposta tal-Kunsillier JAE għax bl-istess mod, allura għandhom jitneħħew ukoll ir-reklami li hemm maġenb il-funtana tal-Iljun li wkoll hija monument. Il-Kunsillier JAE qal li għalkemm il-funtana kellha l-valur storiku magħha, Bieb il-Bombi huwa bieb nazzjonali u mhux kwalunkwe monument.

32.5.1.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li għandu jidħol f'din il-kwistjoni. Il-Kunsillier JAE qal li jispera biss li din il-kwistjoni ma tiftaħx il-bieb għar-riklami mwaħħlin mal-barrikati.

32.5.2. Il-Kunsillier JAE saqsa jekk kienitx intbagħtet korrispondenza lil Sons of Archery rigward laqgħa dwar it-talba tagħhom. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier JAE sabiex jiltaqa' magħhom.

## 32.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

32.6.1. Il-Kunsillier AGS qal li kien tkellem mas-Sur Mark Piscopo f'isem il-Floriana Nursery fejn gie informat li din l-għaqda kienet ser tikkomunika mal-Kunsill rigward xi attivitajiet li jixtiequ jorganizzaw b'mod konġunt mal-Kunsill.

## 32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

32.7.1. Is-SE għamlet riferenza għat-tender li nħareġ għal kiri ta' crash barriers. Hija żiedet tgħid li għalkemm inħareġ tender, dakinhar tal-attività gie nnotat li kien ser ikun hemm bżonn barriers iktar għoljin minħabba sigurtà u għalhekk kienu tpoġġew barriers addizzjonali. Hija żiedet tgħid li dan kien irriżulta f'diskrepanza żgħira fil-prezz ikkwotat fit-tender. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li s-sejħa għall-offerti tas-sena d-dieħla tiġi emendata ladarba l-bżonn kien inbidel.

32.7.2. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand l-impjegat Godwin Azzopardi rigward qualification allowance. Hija qalet li l-impjegat kien ġab kwalifika bil-livell ta' MQF 7. Il-Kunsill approva li s-Sur Azzoppardi jibda' jithallas il-qualification allowance relatata ma' din il-kwalifika.

32.7.3. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 25/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

32.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

32.7.4. Is-SE ressqet kwotazzjoni mingħand Dion Galea rigward xi xogħol fuq il-kaptelli, garr ta' bins u bidla ta' drainage spuction, li tammonta għal €625.40. Il-Kunsill approva li jipproċedi b'din il-kwotazzjoni.

## 32.8 Mozzjonijiet;

32.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

## 32.9 Offerti pubbliċi;

32.9.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet inħarġet sejħa għall-offerti għat-tindif tat-toroq. Ġie ppreżentat ir-rapport tat-tender tal-Perit għall-Kunsill.

32.9.2. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-tender għas-servizz ta' perit għall-Kunsill ressaq rapport finali għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn ta r-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kunsill Lokali Floriana qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u approvah wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, bir-riżultat ikun favur b'mod unanimu.

32.9.3. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-tender għall-operatur ta' gabbana fil-KGV ressaq rapport finali għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn ta r-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kunsill Lokali Floriana qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u approvah wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, bir-riżultat ikun favur b'mod unanimu.

32.9.4. Is-Sindku DSH informat li kienet irċeviet korrispondenza mingħand is-Sur Chris Brincat, wieħed mill-offerenti tat-tender relatat mal-gabbana, li talab li tinqara fil-laqgħa. Huwa esprima d-diżappunt tiegħu u qal li kien iddiżappuntat bl-andament tal-affarijiet.

**<u>Nota: 18:20 Il-laqgħa ġiet sospiża.</u>**
**<u>18:35 Il-laqgħa tkompliet.</u>**
**<u>Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti materja nru 32.11.</u>**

**32.11 1ST QUARTER 2017 FINANCIAL STATEMENTS**

32.11.1 Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart. Hija qalet li l-Financial Indicator tal-Kunsill kien tajjeb u li l-Kunsill kellu surplus ta' €37350.

32.11.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart, u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (AD, JAE, DSH, VB, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**32.10 KORRISPONDENZA**

32.10.1. **DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-DLG fejn informa li l-Ministru kien approva l-persuna nominata mill-Kunsill bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Floriana.

32.10.2. **ĊERTIFIKAT TAL-ELECTRIC WINCH**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet intalbet kwotazzjoni mingħand JP Health & Safety Consultants sabiex jiġi ċċertifikat l-electric winch, li tammonta għal €118. Il-Kunsill approva li jipproċedi b'din il-kwotazzjoni.

32.10.3. **TALBA GĦAL KEEP CLEAR QUDDIEM IL-MALTAPOST**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Transport Malta rigward talba għal *Keep Clear* quddiem l-uffiċċju tal-Maltapost f'4, Pjazza San Kalċedonja, Floriana. Il-Viċi Sindku VB ġibed l-attenzjoni li r-residenza nru 4 kienet 'l isfel fit-triq. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma li l-indirizz kien tajjeb u jekk iva, għandu jitlob laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija u jinformah bit-talba u bil-bżonn li jitneħħa wieħed mil-parkeġġi riservati għall-Pulizija.

32.10.4. **UNHCR**

Is-SE informat lill-Kunsill li l-UNHCR kienu applikaw għal permess taħt l-iskema ta parkeġġ li kien gie approvat. Is-SE informat ukoll li dawn kellhom keep clear quddiem il-bieb tagħhom u li riċentement kienu talbu wkoll kjarifika dwar id-drittijiet diplomatiċi tagħhom. Is-SE qalet li kienet talbet parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

32.10.5. **KABINA TAL-PULIZIJA QUDDIEM L-AMBAXXATA TORKA**

Is-SE informat lill-Kunsill li l-kabina tal-Pulizija li hemm quddiem l-Ambaxxata Torka kienet inbidlet u ġie nnotat li din kienet qed tokkupa spazju ta' parkegg. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob li din il-kabina tiġi rilokata b'tali mod li ma jintilfux spazji ta' parkegg.

32.10.6. **Play bl-isem ta' Balzunetta**

Is-Sindku DSH informat li kienet inżammet laqgħa ma' Marica Grima mill-V18 fejn informaw li kienet ser tittella' play bl-isem ta' Balzunetta u offriet li r-residenti Furjaniżi jistgħu jingħataw opportunita' li jattendu għal *dress rehearsal* kif ukoll li jkunu jistgħu jattendu għar-*rehearsals* tal-Orkestra Nazzjonali fis-Sala Robert Samut. Il-Kunsill għandu jinformaha bl-ammont ta' nies interessati sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji. Is-Sindku DSH żiedet tgħid li hi kienet offriet li l-Kunsill jippromwovi l-attività bil-mezzi tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel avviż fuq il-paġna tiegħu ta' Facebook kif ukoll fuq is-sit tal-Kunsill.

32.10.7. **Talba mingħand Vodafone**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Vodafone fejn talbu li jitwaħħal arblu b'antenna fi Triq Sarria, man-naħa ta' Ġnien il-Mall b'mod permanenti sal-aħħar ta' Lulju 2017.
Il-Kunsillier JAE pppropona li f'każ li t-talba tintlaqa', jintalab li jsir arloġġ fuq l-arblu li jkun juri l-ħin u t temperatura bħalma sar f'lokalitajiet oħra madwar Malta.
Is-Sindku DSH qalet li hi ma taqbilx ma' din it-talba minħabba li dan l-arblu kien ser ikerraħ iż-żona. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jipproponi lill-kumpanija sabiex tavviċina lill-Floriana FC li forsi tkun tista' tilqa' t-talba.

32.10.8. **Management Letter**

Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien irċieva l-Management Letter min-naħa tal-Awdituri tal-Kunsill. Hija qalet li din, flimkien mar-risposta tal-Kunsill, għandhom jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 32.11 1st Quarter 2017 Financial Statements

32.11.1. Din il-materja ġiet diskussa qabel materja nru 32.10.

## 32.12 Overtime tal-Ħaddiema tal-Kunsill

32.12.1. Is-SE informat lill-Kunsill li matul l-awditjar, kienet inġibdet l-attenzjoni rigward l-approvazzjoni tal-overtime tal-impjegati. Għalhekk Is-SE qalet li kienet qed titlob lill-Kunsill biex japprova l-overtime tal-impjegati, u dan fuq id-deċiżjoni u r-responsabbilta' tas-SE biex l-impjegati jkunu jistgħu joqgħodu overtime skont il-bżonn. Il-Kunsillier AD qal li din il-lokalita' tintmess minn kull attività li ssir fiha u fil-lokalitajiet qrib tagħha u għalhekk jifhem il-bżonn tal-overtime u l-urġenza tiegħu. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-impjegati jkunu jistgħu jagħmlu siegħat ta' overtime skont il-bżonn li jkun rikomandat mis-SE.

## 32.13 Jum il-Floriana - Post mortem

32.13.1. Is-Sindku DSH qalet li l-attività kienet waħda ta' suċċess u kien hemm konkorrenza qawwija. Is-Sindku qalet li t-*turnout* kien tant tajjeb li l-post kien inħass żgħir.

32.13.2. Is-Sindku DSH issuġġeriet li għall-edizzjoni li jmiss, il-Kunsill jirrevedi kif jingħataw il-premjijiet kif ukoll ir-regolamenti tan-nominazzjonijiet u dan sabiex ma jkunx hemm ambigwità. Il-Kunsill qabel.

32.13.3. Is-Sindku DSH ipproponiet li d-data għall-edizzjoni tas-sena d-dieħla tiġi deċiża minn kmieni sabiex tkun tista' tiġi bbukkjata is-sala ta' Robert Samut. Il-Kunsill qabel.

32.13.4. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kumitat tal-attività kien esprima x-xewqa li n-nomini jinfetħu iktar kmieni sabiex għas-sena d-dieħla, ikollhom iktar ċans biex jiġu analizzati n-nomini. Il-Kunsill qabel.

32.13.5. Il-Kunsillier JAE ippropona wkoll li l-*media* tal-bidu tinqasam f'żewġ partijiet u ma ssirx kompletament fil-bidu minħabba li jħoss li din kienet inħasset twila wisq fil-bidu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

32.13.6. Il-Kunsillier AD qal li jinsab impressjonat bit-talent tat-tfal li pparteċipaw f'din l-attività. Huwa ppropona li f'attivitajiet bħal dawn, il-Kunsill jikkunsidra li jistieden xi artist prominenti fil-qasam tat-talent sabiex il-Kunsill ikompli jinkoraġġixxi t-talent lokali. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex iżomm f'moħħu l-baġit li għandu għall-attività.

32.13.7. Il-Kunsillier JAE qal li s-sena ta' wara, il-festa kienet ser tiġi kmieni – fil-15 t'April 2018 u għalhekk il-Kunsill qabel li Jum il-Floriana għandha tinżamm fis-6 t'April 2018. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-għaqdiet tal-lokal minn kmieni sabiex ma jerġax ikun hemm konflitt fl-attivitajiet li jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jibbukkja s-sala ta' Robert Sammut minn issa.

32.13.8. Il-Kunsillier AGS ippropona li għall-edizzjoni li jmiss, il-Kunsill iżomm f'moħħu lil Louis Arpa li kien footballer prominenti fis-sebgħinijiet.

32.13.9. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li jiġi introdott premju ġdid - Premju għall-Arti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

32.13.10. Il-Viċi Sindku VB ippropona li terġa' tinżamm esebizzjoni fis-sular t'isfel tad-Dar tal-Kunsill bħalma ġieli sar fis-snin preċedenti. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**32.14 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT – POST MORTEM**

32.14.1. Is-Sindku DSH fetħet id-diskussjoni billi qalet li l-edizzjoni ta' din is-sena kienet suċċess kbir u l-konkorrenza kienet kbira.

32.14.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-uniku punt negattiv li seta' jsemmi kien li ma kienx hemm għeluq sinkronizzat. Il-Viċi Sindku VB qabel ma' dan il-kumment u qal li l-final seta' kien iktar ħaj.

32.14.3. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kien hemm bżonn li jżomm il-baġit allokat għall-attività.

32.14.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-fatt li l-gwardjani lokali kienu waslu fuq il-post tard u għalhekk it-triq kienet damet ma ngħalqet.

32.14.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax isir xi ħaġa dwar ix-xarabanks li jitħallew ipparkjati fit-triq. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-GHRC li nformawha li s-sitwazzjoni kienet qed tiġi kkawżata minħabba x-xogħol li qed isir fi Vjal ir-Re Dwardu VII. Il-Viċi Sindku VB qal li l-ftehim kien li jniżżlu t-turisti u jmorru jipparkjaw il-Park n' Ride iżda dan ma kienx qed isir u kienu qed jitħallew ipparkjati fit-triq.

32.14.6. Il-Kunsillier JAE qal li dan kien qed joħloq konġestjoni enormi kif ukoll ostaklu għall-vetturi. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat korrispondenza lbiċ-Chairman tal-GHRC kif ukoll lill-Perit.

32.14.7. Is-SE għamlet riferenza għall-materja nru 32.14.3 u qalet li meta tiġbed l-attenzjoni rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill dan ikun minħabba l-fatt li s-sitwazzjoni kienet inbidlet minn snin qabel fejn il-Kunsill kellu dħul tajjeb miċ-ċitazzjonijiet. Hija żiedet tgħid li peress li s-sitwazzjoni finanzjarja m'għadix li kienet, għalhekk kien hemm bżonn li wieħed jillimita l-infiq tiegħu.

**32.15 ISLE OF MTV**

32.15.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet inzammet laqgħa mal-organizzaturi tal-Isle of MTV fejn kienet ġiet diskussa l-kwistjoni tal-bars. Hija qalet li l-avveniment kien ser jinbidel xi ftit anke bħala gates, eċċ. Hija qalet li kienet qed tistenna konferma mingħand l-MTA sabiex tinżamm laqgħa magħhom, mal-Pulizija u mal-bars tal lokalita.

32.15.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ħassitha urtata bil-mod kif gie trattat il-Kunsill Lokali Floriana rigward il-kwistjoni tad-data. Hija qalet li kienet tinsab informata li kien intqal ċertu kliem kontra l-Kunsill. Is-Sindku żiedet tgħid li l-arroganza ddejjaqha u li ma tħossx li l-Kunsill Lokali għandu jiġi ttrattat b'dan il-mod arroganti. Hija qalet li l-Kunsill qiegħed hemm biex jipproteġi l-interessi tar-residenti kif ukoll tal-ħwienet u l-entitajiet tal lokalita.

## 32.16 Ġenna ta' Ġonna

32.16.1. Is-Sindku DSH informat li għal darb'oħra, il-Kunsill kien ser japplika għall-iskema ta' attivitajiet kulturali.

32.16.2. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma meta kienet ser tinżamm in-Notte Bianca kif ukoll il-Military Tattoo fl-iMtarfa sabiex ikun jista' jiddeċiedi d-data tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

32.16.3. Is-Sindku DSH qalet li s-SE kienet ħarġet bl-idea li l-Kunsill jitlob lill-florists, lill-garden centres, lill-Fondazzjoni Ambjent Aħjar kif ukoll lill-għaqda tal-Bonsai sabiex jipparteċipaw fl-attività billi jarmaw stands tal-injam bil-wirjiet tagħhom jew xi esibizzjonijiet. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jagħti permess sabiex dawn ikunu jistgħu ibiegħu il-pjanti.

## 32.17 Taħt il-Forka - Mobile Toilets

32.17.1. Is-Sindku DSH ipproponiet li bħalma jsir is-soltu, jinkrew żewġ mobile toilets li jitpoġġew Taħt il-Forka għaż-żminijiet tas-sajf. Il-Viċi Sindku VB ippropona li jitpoġġa wkoll mobile toilet fi Ġnien il-Mall għaż-żminijiet tas-sajf.

32.17.2. Il-Kunsill qabel li l-mobile toilets ta' Taħt il-Forka għandhom jitpoġġew min-nofs Ġunju sal-ahhar ta' Settembru u li l-mobile toilet ta' Ġnien il-Mall għandu jitpoġġa mill-1 ta' Lulju sal-ahhar ta' Settembru u qabel li għandu jitlob kwotazzjoni għal dawn.

## 32.18 Calendar of Events – MTA

32.18.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-MTA fejn informaw li kienu qed jiġbru kalendarju ta' attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom bl-attivitajiet li jorganizza – Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, St Patrick's Day u Ġenna ta' Ġonna.

32.18.2. Il-Kunsillier AD ippropona li St Patrick's Day tingħata xejra differenti fejn tiġi mtella' xi esebizzjoni li turi r-rabta bejn l-Irlandiżi u l-Floriana. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

32.18.3. Il-Kunsill qabel li l-edizzjoni li jmiss ta' St Patrick's Day għandha tinżamm matul l-ewwel Ħadd ta' qabel il-festa ta' San Patrizju, u cioe' nhar il-11 ta' Marzu 2018. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkomunika ma' kunsilli lokali oħrajn sabiex jiġu stabbiliti d-dati tal-edizzjonijiet li jmiss tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

**32.19 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

32.19.1. Il-laqgħa intemmet fit-7.50 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 29 ta' Mejju fil-5.00 pm.

**Konfermati, illum 29 ta' Mejju 2017.**

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |